VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,971, 2 ta' Ottubru, 2012
Taqsima B

A.L. 324 tal-2012

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)
Ordni tal-2012 li Jwaqqaf l-Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

1. It-titolu dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2012 li Jwaqqaf l-Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet. Titolu.

2. F'dan Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra - Tifsir.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"provditur" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 63 tal-Att dwar l-Edukazzjoni; Kap. 327.

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti responsabbli għall-edukazzjoni;

"l-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali" tfisser ir-Reġistratur tal-Eżamijiet skont l-artikolu 125 tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Kap. 327.

3. (1) Għandu jkun hemm Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet, li għandha twettaq il-funzjonijiet relatati mal-provvista tal-eżamijiet f'Malta. Twaqqif tal-Aġenzija, funzjonijiet u obbligi.

(2) L-Aġenzija għandha tassumi ir-responsabbiltajiet li qabel kienu vestiti fid-Dipartiment tal-Eżamijiet u għandu jkollha l-funzjonijiet vestiti fir-Reġistratur tal-Eżamijiet kif previst fl-artikolu 125 tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Jkollha dak ir-Reġistratur tal-Eżamijiet bħala l-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali tagħha. Kap. 327.

(3) Fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet, l-Aġenzija jkollha dawn l-obbligi li ġejjin:

(a) skont l-artikolu 125 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-provvista u l-amministrazzjoni tal-eżamijiet li jkunu parti mir-responsabbilitajiet tagħha u dawk li jkunu delegati lilha permezz ta' ftehim magħmul ma' provdituri lokali jew barranin jew ma' korpi tal-eżamijiet barranin; Kap. 327.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fejn dan ikun applikabbli, il-ħruġ ta' riżultati u rikonoxximenti lil kandidati li jagħmlu l-eżamijiet;

(ċ) l-adozzjoni ta' strumenti ta' ftehim ma' provdituri lokali jew barranin u ma' korpi tal-eżamijiet barranin, liema strumenti għandhom jistabbilixxu u jirregolaw is-servizzi dwar l-eżamijiet li dawn ikunu jeħtieġu mill-Aġenzija;

(d) it-twaqqif u ż-żamma ta' kuntatti u r-relazzjonijiet ta' ħidma ma' msieħba strateġiċi lokali u barranin u ma' partijiet interessati, fosthom provdituri, u korpi tal-eżamijiet u tal-assessjar, u dan sabiex iġġib 'il quddiem l-għanjiet tal-Aġenzija;

(e) it-twaqqif ta' dawk il-kumitati li jkunu meħtieġa fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha;

(f) it-twaqqif u t-tħaddim ta' politika ta' kontroll u assikurazzjoni ta' kwalità, f'dak li għandu x'jaqsam mal-funzjonijiet u l-obbligi tagħha;

(g) it-twaqqif, l-iżvilupp kontinwu u l-monitoraġġ ta' politika li għandha x'taqsam mal-funzjonijiet u l-obbligi tagħha;

(h) it-twettieq ta' riċerka li tkun meħtieġa sabiex iġġib 'il quddiem l-għanjiet tal-Aġenzija; u

(i) ir-regolamentazzjoni ġenerali tal-proċeduri tagħha, sakemm ma' tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni, tal-Att, u ta' dan l-Ordni.

Kap. 327.

Assenjazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi u responsabbiltajiet.

4. (1) Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Aġenzija għandhom jitqiesu li huma assenjati mal-Aġenzija skont l-artikolu 43 tal-Att.

(2) L-Aġenzija għandha, mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni, tassumi responsabbilità tal-attiv, l-passiv, u l-obbligi kollha li qabel kienu jaqgħu taħt ir-responsabbilità tad-Dipartiment tal-Eżamijiet jew ta' korpi oħra li jaġixxu f'ismu.

Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

5. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni għandu jissorvelja l-Aġenzija skont it-termini tal-artikolu 39 tal-Att:

Iżda is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-edukazzjoni jista' jiġi assistit f'dik is-superviżjoni minn Segretarju Permanenti ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(5) tal-Att:

Iżda wkoll jekk il-Ministru, minbarra l-Prim Ministru, jassumi r-responsabbilità tal-Aġenzija, is-superviżjoni tagħha taqa' taħt is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

6. L-Aġenzija għandha tiġi amministrata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija, f'liema każ għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija.

Arranġamenti oħra speċjali għall-Aġenzija.

7. L-operat tal-Aġenzija għandu jkun skont il-Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Bord Konsultattiv.

8. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jwaqqaf bord konsultattiv sabiex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali fit-twettiq ta' dmirijietu.

(2) Bord konsultattiv imwaqqaf skont dan l-artikolu għandu jkun jikkonsisti minn mhux inqas minn żewġ membri u mhux iktar minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni li titħallas lill-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija għandha tkun skont kull direttiva u linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

.Emendi għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

9. L-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda tiegħu, il-kliem:

"Dipartiment tal-Eżamijiet	Direttur (Eżamijiet)	Reġistratur tal-Eżamijiet	Biex jamministra eżamijiet lokali u barranin"

għandu jiġi mħassar; u

(b) fir-Raba' Skeda tiegħu, minnufih wara l-Aġenzija "Unità għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika" għandu jidħol dan li ġej:

"Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet.	Biex tamministra eżamijiet lokali u barranin u biex tieħu post id-Dipartiment tal-Eżamijiet eżistenti".